MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Awwissu, 2008

Rikors Numru. 548/2008

Nutar Michel **DINGLI** u Victoria Dingli

**vs**

Joseph u Carmen konjuġi **SANT**, Joseph u Rosaria *sive* Lucy konjuġi Ġiordmaina, u Vincent u Antoinette konjuġi Micallef

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq fid-29 ta’ Mejju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti miżżewġin Sant, Ġiordmaina u Micallef (aktar ’il quddiem imsejħin “l-eżekutati”) talbu li din il-Qorti (a) tħassar il-Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru maħruġ kontrihom mill-intimati eżekutanti miżżewġin Dingli (aktar ’il quddiem imsejħin l-“eżekutanti”) fit-23 ta’ Mejju, 2008, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(b)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u (b) tikkundanna lill-istess eżekutanti jħallsuhom penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8)(b)(ċ) u (d) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta’ Ġunju, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-intimati eżekutanti u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tad-9 ta’ Lulju, 2008;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati eżekutanti fit-8 ta’ Lulju, 2008, li biha laqgħu għat-talbiet tal-eżekutati billi qalu li l-jedd tagħhom li jitolbu l-ħruġ tal-Mandat kien konsegwenza loġika tal-fatt li l-eżekutati żammew għandhom għal bosta snin il-prezz ta’ bejgħ imwiegħed ta’ bini maqbul f’konvenju, bla ma raddew lura l-imgħax fuq dik is-somma meta ħallsu lura lill-eżekutanti meta waqa’ l-konvenju u bla ma ħallsu lura s-somma kollha, u dan wara li qanqlu l-argument ta’ x’kienet ir-raġuni vera li, fil-fehma tagħhom, wasslet lill-istess eżekutati biex iħallu l-konvenju jaqa’;

Rat id-dikjarazzjoni tal-avukat tal-istess eżekutati waqt l-imsemmi smigħ;

Semgħet ix-xhieda ta’ l-eżekutat Vincent Micallef;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta’ Lulju, 2008, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ir-rikorrenti jridu li jitneħħew l-effetti ta’ Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru maħruġ kontrihom mill-eżektanti fit-23 ta’ Mejju, 2008;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrenti huma: (a) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m’għadhiex fil-fatt teżisti; (b) li l-ammont mitlub fil-Mandat mhux *prima facie* mistħoqq jew huwa eċċessiv; u (ċ) li fiċ-ċirkostanzi, m’huwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa’ fis-seħħ;

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu wkoll li l-eżekutanti jiġi kundannati jħallashom penali minħabba l-ħruġ tal-istess Mandat;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[1]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat. Bħala fatt jirriżulta li fl-4 ta' Ġunju, 2008, l-eżekutanti fetħu kawża kontra l-eżekutati[2] li sejra tinstema' minn din il-Qorti diversament presjeduta;

Illi minn <u>dak li jirriżulta mill-atti</u> u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrenti eżekutati fit-23 ta' Mejju, 2008[3], u kien notifikat lil ħames sekwestratarji – erba' banek kummerċjali lokali u persuna privata oħra. Il-Mandat inħareġ dwar "sorti" ta' €96,482 u b'kawżali li tgħid li dik is-somma tirrappreżenta "bilanċ minn somma akbar illi tikkonsisti fil-prezz illi s-sekwestrant ħallas lill-intimati sabiex jakkwista immobbli inkluż l-imgħaxijiet fuq l-istess somma". Joħroġ ukoll li b'att ta' konvenju tal-20 ta' Novembru, 1995[4], l-eżekutati wegħdu lill-eżekutanti li jbiegħulhom razzett u ġardina meħmuża miegħu fi Triq Għajn Qajjet, ir-Rabat, bil-prezz ta' Lm 39,500[5] u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Wara li tħallas depożitu akkont tal-prezz mal-konvenju, l-eżekutanti ħallsu ftit ftit il-prezz kollu miftiehem. Il-kuntratt pubbliku baqa' ma sar qatt, għalkemm iġġedded darba sa Novembru tal-1996[6]. Fit-22 ta' Marzu tal-2007[7], l-eżekutati għaddew tliet *cheques* lill-eżekutant Nutar Dingli li lkoll jammontaw għal Lm 35,000[8];

---

[1] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[2] Rik. Nru. 577/08AL (imqiegħda għall-ewwel smigħ għas-7 ta' Ottubru, 2008)
[3] Dok "D", f'paġġ. 9 sa 12 tal-atti
[4] Dok "A", f'paġġ. 5 – 6 tal-atti
[5] Li jġibu € 92,010.25 fi flus tal-lum
[6] Dok "B", f'paġ. 7 tal-atti
[7] Dok "Ċ", f'paġ. 8 tal-atti
[8] Li jġibu € 81,528.07 fi flus tal-lum

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrenti jsejsu t-talbiet tagħhom. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li din il-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[9];

Illi r-rikorrenti jsemmi tliet kawżali li dwarhom jistennew li t-talbiet tagħhom jiġu meqjusa:

A) Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti [Art. 836(1)(b)]. Din id-dispożizzjoni, skond il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed[10]. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;

Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li l-eżekutati jilmintaw mill-fatt li l-eżekutanti ma kellhom l-ebda jedd jitolbu l-ħruġ tal-Mandat, għaliex jisħqu li dawn tħallsu għas-saldu u li, f'kull każ, kull pretensjoni tal-istess eżekutanti waqgħet bil-preskrizzjoni.

[9] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[10] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe et vs Dr. Patrick Spiteri noe et noe***

Minbarra li argument bħal dan ma jistax jitqies taħt din il-kawżali, r-rikorrenti ma taw l-ebda raġuni għaliex iqisu li, minn wara li nħareġ il-Mandat, inħolqot raġuni ġdida li biha l-ħtieġa tiegħu m'għadhiex teżisti. Il-fehma li Mandat ma messu nħareġ qatt ma tikkostitwix raġuni ġdida li twassal għat-tħassir ta' dak il-Mandat fuq il-kawżali li "waħda mill-ħtiġiet tal-liġi ... ma tkunx għadha fil-fatt teżisti";

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li r-rikorrenti ma seħħilhomx juruha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

B) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. Din il-kawżali tidher li hija ewlenija tal-argument tal-eżekutati. Huma jisħqu li, wara li l-konvenju tħalla jitlef l-effetti tiegħu (saħansitra jgħidu li kien wieħed null u bla effett għaliex ma kienx ġie reġistrat skond il-liġi fis-seħħ), l-eżekutanti ma kellhom l-ebda jedd jitolbu l-ħlas lura tal-prezz imħallas. Minbarra dan, għaddew għadd ta' snin, u l-post tgħarraq. Għalhekk, jgħidu li kull pretensjoni oħra tal-eżekutanti hija lil hinn minn dak li qatt jistgħu jippretendu skond il-liġi. B'żieda ma' dan, jgħidu li meta offrew il-ħlas lill-eżekutant fl-2007 (liema ħlas kien aċċettat), dan kien għas-saldu ta' kull pretensjoni;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-

interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[11];

Illi r-rikorrenti eżekutati, madankollu, jissottomettu li l-ilment tagħhom taħt din il-kawżali jinbena mar-raġuni li ressqu 'l quddiem taħt l-artikolu 836(1)(b), jiġifieri li l-Mandat ma kien messu nħareġ qatt. Din il-Qorti diġa' sabet li dik il-kawżali ma kinitx waħda tajba biex twassalha biex tordna t-tħassir tal-Mandat minbarra li dik ir-raġuni tolqot fil-qalba l-kwestjoni fil-mertu li trid titqies biss waqt is-smigħ tal-kawża. Fit-tieni lok, jirriżulta[12] li l-eżekutanti (għal raġunijiet li huma semmewhom fir-rikors promotur) la ħallsu lura s-somma kollha tal-prezz li kienu ħallsu l-eżekutanti, u lanqas ċenteżmi mgħax fuq dik is-somma li kienet f'idejhom għal daqstant snin. Is-siwi ta' dik il-pretensjoni min-naħa tal-eżekutanti wkoll tifforma l-mertu tal-kawża li huma ressqu kontra r-rikorrenti eżekutati u mhux għal din il-Qorti li taqta' dwaru f'din il-proċedura. Fit-tielet lok, jirriżulta li, wara li kien sar il-ħlas biċ-*cheques*, uħud mill-eżekutati qablu li jħallsu ammont ieħor fuq talba speċifika tal-eżekutanta Victoria Dingli;

Illi meta wieħed jgħodd kemm, mis-somma oriġinali mħallsa mill-eżekutanti baqgħet ma tħallsitx, u (dejjem skond il-pretensjoni tal-istess eżekutanti) kemm kien jinġema' mgħax fuq dik is-somma kieku tassew tali mgħax huwa dovut, wieħed isib li s-somma msemmija fil-Mandat m'hijiex għal kollox barra mid-dinja, għalkemm jista' jkun li hija xi ftit ogħla mill-kalkolu matematiku li wieħed jasal għalih kieku kellu tagħrif iżjed preċiż. F'kull każ, jekk hemm ammont xi ftit għoli, dan ma jwassalx għat-tħassir tal-Mandat, imma, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[13];

Illi għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrenti fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

---

[11] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

[12] Xhieda ta' Vincent Micallef 9.7.2008, f'paġġ. 29 sa 32 tal-atti

[13] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

Ċ) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, r-rikorrenti jtennu li huwa manifestament irraġonevoli li l-Mandat jitħalla fis-seħħ meta wieħed iqis li l-ammont li "moralment" kien dovut tħallas kollu;

Illi f'dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhomx jedd għall-ħlas minnhom pretiż, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[14]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat eżekutat;

Illi f'dan l-istadju tal-proċedura, l-Qorti ma tistax toqgħod fuq l-allegazzjonijiet tal-eżekutati. Jekk tagħmel hekk, tkun qegħda impliċitament tilqa' l-kontestazzjoni fil-mertu tal-kwestjoni li issa tinsab quddiem Qorti biex tiddeċidiha. Fit-tieni lok, fin-nuqqas ta' kull prova oħra, ma jidhirx irraġonevoli li persuna tippretendi s-somma msemmija fil-Mandat bħala rifużjoni ta' dak li tallega li għandu jingħatalha lura wara tmiem ta' obbligazzjoni. Għalhekk din il-Qorti ssib li m'hemm xejn irraġonevoli, inġustifikat jew mhux meħtieġ li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi fuq dan il-mottiv ukoll, il-Qorti jkollha ssib li r-rikorrenti ma tawhiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Illi r-rikorrenti eżekutati talbu wkoll ir-rimedju tal-kundanna tal-intimat eżekutant għall-ħlas ta' penali[15]. Il-Qorti, ladarba ma sabitx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar l-effetti tal-Mandati, sejra issa tipprovdi dwar din it-talba;

---

[14] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

[15] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa[16], irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[17]. F'dan il-każ, l-eżekutanti jsemmu ċ-ċirkostanzi maħsuba taħt l-artikolu 836(8)(b) (ċ) u (d) tal-Kap 12, jiġifieri (a) n-nuqqas ta' tħassir tal-Mandat wara talba li tkun saret mill-eżekutat jew li l-eżekutant jonqos li juri li fi żmien ħmistax-il jum qabel ma talab il-ħruġ tal-Mandat kien talab lill-eżekutati jħallsu s-somma pretiża; (b) iċ-ċirkostanzi tal-eżekutati dwar it-tħassib raġonevoli dwar il-likwidita' tagħhom; u (ċ) jekk it-talba tal-parti għall-ħruġ tal-Mandat kenitx waħda malizzjuża, fiergħa jew sempliċement biex iddejjaq;

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, l-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu. Daqstant ieħor trid li, wara li jkun inħareġ il-Mandat, l-eżekutat jitlob lill-eżekutant biex ineħħi l-Mandat u dan tal-aħħar jonqos li jagħti raġuni tajba biex ma iżomm dak il-Mandat fis-seħħ;

Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali[18], u biżżejjed tkun waħda verbali. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti ma wrewx li huma talbu lill-eżekutanti jneħħu l-Mandat, iżda f'anqas minn sitt ijiem, fetħu din il-proċedura. Lanqas ma wrew (għaliex l-allegazzjoni saret minnhom) li fi żmien ħmistax-il jum qabel inħareġ il-Mandat, l-eżekutanti ma kinux "b'xi mod" talbuhom iħallsu. Għall-kuntrarju, mix-

[16] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[17] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[18] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Rapa vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)

xhieda mressqa mill-istess rikorrenti jidher li l-eżekutanti Victoria Dingli kienet qegħda tippretendi ħlas ulterjuri, u li wieħed mir-rikorrenti (Ġiordmaina) kien wegħdha elf lira Maltin malli jinbiegħ il-fond. Min-naħa l-oħra, l-eżekutanti wrew li ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat kienet ġustifikata għaliex ma jidhirx li l-pretensjoni tagħhom fir-Rikors Maħluf li ressqu kontra l-eżekutati hija b'xi mod ieħor kawtelata;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda provi jew argumenti li minnhom l-eżekutanti ntwera li messhom ma kellhom l-ebda dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tal-istess rikorrenti. Għall-finijiet ta' din il-kawżali, l-liġi trid mhux biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-Mandat turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew. L-atti tar-rikors ma juru li r-rikorrenti eżekutati għamlu xejn minn dan kollu;

Illi dwar it-tielet ċirkostanza, ir-rikorrenti wkoll jibnu din fuq l-allegazzjoni li l-ħażen tal-intimati eżekutanti joħroġ mill-fatt li kienu jafu li l-ħlas lilhom sar għas-saldu u għalhekk ma kien għad fadal l-ebda pretensjonijiet fil-konfront tal-istess eżekutati. Il-Qorti qieset li diġa' ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-intimat eżekutant kellu raġunijiet tajbin biżżejjed biex jitlob il-ħruġ tal-Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandati nħarġu b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejqu lir-rikorrenti eżekutati;

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq, tasal għall-fehma li ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[19]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[20];

---

[19] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***

[20] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti eżekutati billi:

**Tiċħad it-talbiet** tagħhom għaliex ma humiex mistħoqqa fil-liġi u mill-fatti, bl-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu mill-istess rikorrenti eżekutati.

Mogħti kameralment illum, is-27 ta' Awwissu, 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------